**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR RENNIE STIVALA)**

**VS**

**CHRISTIAN DEMANUELE**

Kump Nru: 276/2014

Illum 6 ta' Lulju 2020

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Christian Demanuele, ta' 38 sena, bin Carmel u Carmen nee Camilleri, imwieled Pieta', fit-18 ta' Dicembru 1975, u li joqghod f'Blokk C5, Flat 8, triq Gdida fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 66176M:

Akkuzat talli b'diversi atti maghmula minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'Malta, fis-snin 2010, 2011, 2012 u 2013:

1) Wettaq frodi b'eghmil qarrieqi, billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew bili nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immagnarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Tanya Attard (€48,100);

2) U aktar talli, fit-28 ta' Lulju 2009, jew fil-granet li jigu qabel jew wara din id-data, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil

fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3) U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 ta-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ta' gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli indikati.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

L-imputat qieghed jigi addebitat bir-reat ta' frodi b'referenza ghas-snin 2010, 2011, 2012 u 2013 ghad-dannu ta' certu Tanya Attard. Huwa qieghed ukoll jigi addebitat bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' dokument b'referenza ghat-28 ta' Lulju 2009 jew fil-granet li jigu qabel jew wara din id-data u li xjentement ghamel uzu minn tali dokument.

**L-Ispettur Rennie Stivala** xehed[1] li f'Mejju 2013 gie assenjat investigazzjoni peress li kienet waslet kwerela datata 7 ta' Mejju 2013 f'isem Denise Demanuele (K.I Nru: 11433A) kontra zewgha Christian Demanuele (K.I Nru: 66176M). Permezz tal-kwerela[2] hija spjegat li hija

[1] Seduta tal-4 ta' April 2014
[2] Dok SR3 a fol 34 tal-process

flimkien ma' zewgha kienu diretturi tal-kumpanija CS Motorsports Limited C 46026, liema kumpanija kienet attiva fil-qasam tal-manutenzjoni tal-vetturi. Gie spjegat li f'Lulju 2009 din il-kumpanija kellha bzonn tiehu facilita' finanzjarja u imtliet il-formola maghrufa bhala LEGO 1 sabiex id-diretturi joqoghdu garanti personalment. Din il-garanzija kienet ghal €10,000. L-ispettur xehed li huwa nghata kopja ta' dan id-dokument u fuqu hemm firem kemm tal-imputat, ta' Denise Demanuele u ufficjali tal-Bank. Permezz tal-kwerela, Denise Demanuele allegat li l-firma li hemm fuq id-dokument mhiex taghha u hija qatt ma kienet rat l-istess dokument. L-ufficjal prosekutur kompla li huwa baghat ghal Denise Demanuele biex tispjega ruhha ahjar u rrilaxxjat dikjarazzjoni[3]. Hija spjegat li kienet mizzewga ma' Christian Demanuele ghalkemm kienu tfaccaw xi problemi izda sa dak iz-zmien kienu ghadhom mizzewgin ghalkemm kienu inbdew xi proceduri ta' separazzjoni. Mistoqsija dwar id-dokument hija qaltlu li qatt ma ratu, qatt ma ffirmatu, irceviet kopja tieghu mill-Bank u saret taf li hija garanti ta' €10,000. Tghid li qatt ma qablet maghha. Meta hija marret il-Bank giet mgharrfa li din kienet kwistjoni civili bejnha u zewgha. Hija qaltlu li meta kellmet lil zewgha, huwa qalilha li kellu bzonn self u ma xtaqx jinkwetaha u ma qalilha xejn.

Kompliet l-investigazzjoni fuq l-imputat u rrizultalu li seta' kien hemm kaz ta' frodi fil-konfront ta' certu Tanya Attard. Irrizultalhom dan ghax Denise Demanuele tathom isem li kien qieghed juza l-imputat li kien Keith Bonello. Tathom id-dettali, xi email address u xi numri tat-telefowns li kien qieghed juza l-imputat. Qaltlu li zewgha aktarx ma kienx jinsab Malta u li x'aktarx kien fir-Repubblika Ceka u li ma kienx facli wisq li jsir kuntatta mieghu. Ghalhekk l-Ispettur baghat ghal din Tanya Attard u hija giet mitkellma darbtejn mit-Taqsima tar-Reati Ekonomici. L-ewwel darba kienet fit-18 ta' Settembru 2013 fl-ufficcju tieghu. Din Tanya Attard qalet li hija kellha relazzjoni ma' Keith Boneli li kienet ilha sejra madwar erba' snin. Matul ir-relazzjoni kien ighidilha li kien isiefer hafna fuq xoghol. Huwa kien ighidilha li kellu hafna problemi ta' sahha u ghaldaqstant kellu bzonn certu ammonti ta' flus. Meta kienet tarah b'dak il-mod u kien jitlobha hija kienet toffri li tghinu u tisilfu l-flus. Tul dawn l-erba' snin hija sellfitu l-ammont ta' €48,100. Semmiet ukoll diversi kumpaniji li Keith Bonello suppost kien jahdem maghhom. L-ufficjal prosekutur kompla li meta huwa semma lil Christian Demanuele, Tanya Attard wegbitu li hija taf lil Christian Demanuele bhala l-habib tal-gharus taghha ghaliex huwa

[3] Dok SR4 a fol 35 tal-process

kien ighidilha li ghandu habib tieghu jismu Christian Demanuele u filfatt gieli anki pagamenti fuq il-visa ta' Christian Demanuele baghtet ghaliex qalilha li tant huma hbieb li gieli juzaw il-cards ta' xulxin. Sussegwentement huwa uriha r-ritratt ta' Christian Demanuele u qaltlu dak mhux Demanuele imma Keith Bonello l-gharus taghha. B'hekk l-Ispettur spjegalha li Keith Bonello huwa vvintat, ikkrejat u bhala identita' ma jezistix u dik l-identita' tghajjat lil Christian Demanuele u hija kienet xxukkjata. Qaltlu li huwa dejjem ipprezenta ruhu bhala Keith Bonello. Kien ta x'ismijiet kemm tal-genituri tieghu u kif ukoll ta' hutu. L-Ispettur qal li meta kellem lil Christian Demanuele wara li ngab b'EAW huwa kkonferma l-ismijiet tal-ahwa izda qal li l-isem tal-omm mhux veru tahulha. Tanya Attard ddikjarat li hija kienet qeghda ssir taf dakinhar tat-18 ta' Settembru 2013 li Keith Bonello u Christian Demanuele huma l-istess persuna. Id-dikjarazzjoni ta' Tanya Attard tat-18 ta' Settembru 2013 giet prezentata bhala Dok SR1[4]. Hija rrilaxxjat it-tieni dikjarazzjoni fit-22 ta' Settembru 2013 li giet immarkata bhala Dok SR2[5] fejn kompliet telabora.

L-ufficjal prosekutur xehed li huwa pprova jara fejn seta' jikkuntattja lil Christian Demanuele. Malta ma nstabx. Tanya Attard tatu diversi modi ta' kif seta' jikkuntatjah dejjem jirreferu ghal Keith Bonello – mowbajl numru 79466089, mowbajl numru 00420775669740 u email address keithbonello@yahoo.com. Il-pulizija ppruvat taghmel kuntatt permezz ta' diversi modi pero ma rnexxilhomx u ghalhekk gie deciz li jinhareg mandat ta' Arrest Ewropew. Dan inhareg, intbaghat u ntalbet l-assistenza tal-Pulizija fl-Ewropa u l-Pulizija tar-Repubblika Ceka rrispondew li kienu sabuh. Meta gie nfurmat bl-akkuzi, Christian Demanuele rrifjuta li jigi. Huwa ingab Malta fid-19 ta' Marzu 2014 u gie mitkellem mill-Ispettur dakinhar stess u rrilaxxja stqarrija[6]. L-ispettur ftakar li meta kellem lill-imputat qallu li seta' cempillu u kien jigi mill-ewwel u ma kellux ghalfejn jarrestah, biss pero huwa rrifjuta li jigi Malta bl-EAW. L-imputat ma meriehx fuq l-ammont li Tanya Attard setghet ghaddietlu u qal li kien ha jaghmel kuntatt mal-avukat tieghu biex ikun jista' jhallasha. Huwa cahad pero' li huwa dejjem hadem maghha tramite identita fittizja. Inkwantu ghal-firma allegatament iffalsifikata ta' martu cahad u qal li martu ghamlitha. Inkwantu ghall-email account keithbonello@yahoo.com wiegeb li holqu huwa u kien juzah u tah minhabba li martu kienet tikkontrollalu hafn affarijiet u toqghod tidhol fil-passwords tieghu u ghalhekk holoq dawn l-identitajiet. In-numru 79466089 ikkonferma li hija

[4] A fol 25 tal-process
[5] A fol 28 tal-process
[6] Dok RS3 a fol 8 tal-process

linja fuq ismu Christian Demanuele b'kuntratt mal-GO. In-numru l-iehor jidhirlu li kien tieghu wkoll u kienet linja ta' barra li ma kienx ghadu qed juzaha. L-email fenomem@gmail.com holqu huwa u kien juzah bhala Christian Demanuele.

In kontro-ezami l-ufficcjal prosekutur esebixxa l-kopja tal-European Arrest Warrant[7]. Inkwantu ghall-allegata falsifikazzjoni tal-firma huwa kkonferma li qaghad fuq il-kelma tal-kwerelanta. Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015 xehed li kien huwa li talab il-hrug tal-European Arrest Warrant. Qal li l-perjodu tar-reat inkwistjoni li jikkonnettu mal-imputat kienu ghall-perjodu tal-2010 sal-2014. Wara li kien inhareg l-EAW parti mir-reat seta' sehh fis-sena 2009 u kienet saret talba biex l-imputat ikun jista' jibqa' ghaddej b'dawn il-proceduri u l-Qorti kienet laqghet it-talba anki ghaliex l-akkuza u l-piena ma nbidlitx bit-tibdil tad-data. L-investigazzjoni generali bdiet fuq ir-rapport li ghamlet mart l-imputat. Waqt li kien ghaddej bl-investigazzjoni, dahal ir-rapport ta' Tanya Attard u ghalhekk kien baghat ghaliha u wessa l-investigazzjoni tieghu. Qal li apparti Tanya Attard kien hemm nies ohrajn li kellem pero' ma waslux ghall-proceduri kriminali. Huwa mhux cert jekk kinitx l-istess mart l-imputat li tatu d-dettalji ta' Tanya Attard. Huwa ma jafx meta l-imputat telaq minn Malta ghaliex siefer diversi drabi. Ghamel madwar sentejn ighix permanentement fl-esteru. Waqt li l-imputat kien barra minn Malta, l-Ispettur ipprova jaghmel kuntatt mieghu diversi drabi fuq numri li tatu martu pero qatt ma rnexxielu jaghmel kuntatt mieghu. Mistoqsi jekk l-imputat kellux xi kuntatt ma' hawn Malta, ix-xhud wiegeb li jista' jkun kien icempel biex ikellem lil uliedu. Huwa spjega wkoll li l-investigazzjoni bdiet fuq falsifikazzjoni u sussegwentement irrizultat allegat frodi u dan huwa reat *ex officio.*

**Romwald Attard** xehed[8] li l-Bank intalab jesebixxi l-garanzija originali[9] u fil-fatt esebiha animo ritirandi. Il-garanti fuq dan il-garanzija huma Christian u Denise Demanuele u qed jaghmlu tajjeb personalment ghad-debiti tal-kumpanija CS Motors Limited fl-ammont ta' €10,000. Mistoqsi l-firem fuq il-garanzija quddiem min isiru, wiegeb li -Bank jigi provdut bihom lesti u ma jigux iffirmati quddiem ufficcjal tal-Bank. Din il-garanzija tinghata lill-Bank u l-firem fuq dan id-dokument huma attestati min-Nutar Francis Micallef f'dan il-kaz. Huwa ma kienx prezenti meta gie ffirmat id-dokument.

---

[7] Dok SR5
[8] In rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc fis-seduta tal-4 ta' April 2014
[9] Dok RA1 a fol 48 tal-process

**Denise Demanuele** xehdet[10] li hija kienet irceviet ittra mill-Bank of Valletta plc li kienet ghadha kif iffirmat LEGO 1 ossija garanzija fuq CS Motorsports ta' €10,000 u hija qatt ma kienet iffirmat tali garanzija. Hija spjegat li hija flimkien ma' zewgha li huwa l-imputat kellhom din il-kumpanija flimkien. Kellhom hanut ftit passi 'l boghod mid-dar taghhom. Hija marret il-hanut u wriet l-ittra lil zewgha u staqsitu x'kienet il-karta. Qalilha li kien zball min-naha tal-Bank u hija bdiet iccempel il-Bank u huwa qatghalha l-linja u beda jibki u qalilha li kien gab xi vettura ghal xi klijenti u meta rawha rega' bdilhom u ma riedux jixtru u qalilha li ffalsifika l-firma taghha. Qalilha li kien ghamel hekk biex ma jinkwetahix. Hija qaltlu li kiser il-ligi u huwa wegibha li hadd ma kien se jemminha u kien se jghid li ghax hija bdiet izzomm lit-tifla f'idejha li l-firma taghha ma gietx cara. Imbaghad qalilha li kien se jbiegh il-vann u jerga' jaghmel id-deposit fil-Bank biex jaqta' dan is-self. Huwa biegh il-vann lil xi hadd li kellu garaxx u ftehem mieghu li minflok flus ikollu zmien ma jhallasx kera. Murija Dok RA1 hija sahqet li hija ma ffirmatx fuq dak id-dokument u li l-firma ma kienitx taghha. Qalilha li mar ghand in-Nutar u kien qallu li t-tfal kienu mardu u ma setghetx tmur mieghu. Id-dokument suppost gie iffirmat quddiem in-Nutar flimkien. B'rizultat ta' din il-garanzija, il-Bank tawha sena cans biex tbiegh id-dar biex taqta' d-dejn ghaliex l-imputat ghamel hafna dejn fuq il-kumpanija u hija qeghda trabbi t-tfal wahedha u se tispicca bla dar. Id-dejn huwa fl-ammont ta' €135,000 u l-interessi joghlew kuljum.

In kontro-ezami[11] tikkonferma li hija kellha kont bankarju ma' zewgha mal-Bank of Valletta plc u kienet ukoll proprjetarja tal-kumpanija CS Motorsports Ltd. Hija spjegat li kienet irceviet ittra mill-Bank of Valletta fejn qalulha li kienet ghadha kif iffirmat LEGO 1 fuq €10,000 u meta rceviet l-ittra cemplet lil zewgha u meta kellmitu qalilha li kien zball tal-Bank. Kienet se ccempel il-Bank u zewgha qatghalha l-inja. Dak iz-zmien zewgha kien isiefer jixtri l-karozzi ghall-klijenti minn bara u qalilha li kien mar igib vann ghall-klijent hawn Malta u meta rah il-klijent ma riedux. Hija rrabjat u qalet lil zewgha li dak li kien ghamel kien illegali. Huwa qalilha li kien lest li jigdeb il-Qorti u li meta hi ffirmat il-garanzija kienet qed izzomm it-tarbija zghira f'idha u ghalhekk il-firma ma kienitx dritta. Bintha fis-sena 2009 kellha tlett snin. Zewgha qalilha li meta jbiegh il-vettura kien se juza l-flus biex ihallas is-self ta' €10,000 li fil-fatt m'ghamilx. Hija damet biex irrapportat dan il-fatt ghaliex dak iz-zmien kellhom il-

[10] Seduta tal-4 ta' April 2014
[11] Seduta tas-16 ta' April 2015

problemi fiz-zwieg taghha u hija kienet qeghda tahseb biex titilqu pero wara ftit xhur qalilha li kien qed ikollu ugiegh fir-ras u kellu xi blockage f'mohhu u hasset ghalih u hasset li kellha tissapportjah. Wara ftit xhur saret taf li mhux veru kien marid. Marret ghand l-avukat biex tibda proceduri ta' separazzjoni u dakinhar urietu kopja tal-garanzija bil-firma falza u dan kien fis-sena 2010. L-avukat taghha taha parir biex tirrapportah izda hija ma rieditx tohloq problemi zejda u ddecidiet li sakemm ihallas l-€10,000 ma kellhiex ghalfejn tmur tirrapportah. Izda l-Bank beda jigri warajha biex thallas il-flus u kien dak iz-zmien meta imbagahd irrapportat il-kaz. Hija ma kienitx taghmel depoziti l-Bank ghaliex kollox kien jiehu hsieb zewgha. Hija tichad li ghamlet ir-rapport lill-Pulizija ghaliex kienet taf li zewgha kellu mara ohra u ziedet li sa mis-sena 2009 hija kienet taf li kien hemm nisa ohra involuti mhux mara wahda biss.

Billi kienet inbidlet il-Magistrat sedenti, intalab li Denise Demanuele terga' tixhed fejn regghet tat il-versjoni taghha u kkoroborat mal-istess. B'referenza ghall-garanzija bankarja hija sostniet li ma ffirmatx fuqha u gharfet fuq l-istess dokument il-firma tal-imputat. Hija qalet li dwar din il-garanzija ma kienet saret l-ebda konversazzjoni mal-imputat qabel saret. Meta rceviet l-ittra mill-Bank tghid li cemplet lin-Nutar Francis Micallef u qaltlu li hija qatt ma marret quddiemu u ffirmat dak id-dokument. Huwa qalilha li zewgha kien mar wahdu u qallu li t-tfal kienu ma jifilhux u hija ghalhekk ma marritx. Hija kienet irrabjat hafna ma' zewgha. Huwa qalilha li ma kienx talabha biex tiffirma biex ma tinkwetax minhabba l-flus. Il-Bank bdew jigru warajha biex thallas u hija qaltilhom li ma kienitx se thallas ghax hija ma ffirmatx. Hija spjegat li hemm hafna aktar dejn minhabba l-kumpanija li kellhom ghaliex kellhom overdraft u ghamlu tajjeb bid-dar tant li issa se jispiccaw bla dar. Wara li saret taf fuq din il-firma l-imputat qalilha li kellu blockage fil-vina tal-mohh u qalilha li ried jitla' l-Germanja biex jaghmel xi testijiet. Kien jitla' kull hames/sitt gimghat. Kien fuq dieta stretta u jiehu l-pilloli. Wara ftit beda jiehu l-flus mill-overdraft ghar-ragunijiet ta' sahha. Imbaghad bdiet tissuspetta hazin u saret taf li mhux veru kien marid u kien qieghed imur Praga. Kien fuq website biex jaqbad man-nisa. Hija ndunat ghaliex kellu kompjuter id-dar u kien hemm il-yahhoo account, dahlet, kien hemm itemized bill tal-mowbajl u kien hemm numru li kien cempel ghal xi hamsin darba. Qabdet it-telefown u cemplet u rrisponditha tfajla u x-xhud staqsitha jekk kinitx taf lil Christian Demanuele minn Malta. Din wegbitha li hija ma ma kienitx tafu u l-uniku link li kellha ma' Malta kien il-boyfriend taghha li jismu Keith Bonello. Hija ddeskrivitilha u qaltilha li kien twil, fih ragel u ghandu

tattoo fuq drieghu. Ix-xhud qaltilha li dak kien zewgha u kienu ilhom mizzewgin hmistax-il sena u kellhom zewgt itfal. It-tfajla ma kinitx taf ghaliex qalilha li kien single u ried jizzewweg lilha. Skennjatilha ritratt tal-imputat u t-tfajla kkonfermat li kien l-istess persuna. Qaltilha li kienet iltaqghet mieghu permezz ta' website plan at romance. Dahlet fiha u sabet ritratt ta' zewgha bl-isem ta' Keith Bonello. Kif saret taf bdiet mill-ewwel il-proceduri tas-separazzjoni. Fil-bidu cahad u qal li qatt ma uza il-website izda meta affaccjatu u qaltlu li tkellmet mat-tfajla ammetta li kien tradiha izda qalilha li ghamel hekk darba biss. Izda wara saret taf li kien hemm aktar nisa. Saret taf ukoll li f'Malta kellu relazzjoni ma' mara, Tanya Attard, u qalilha li kellu cancer go mohhu u hija tatu hafna flus u mhux veru kien marid. In kontro-ezamu, qalet li hija certa li zewgha ghamilha l-firma ghaliex hija taghraf il-handwriting tieghu u huwa ammetta maghha li kien ghamel hekk. Hija ma ftakritx lil min kellmet meta marret il-Bank biex tghidilhom dwar il-firma izda ftit wara beda jghidilha li kien marid u ghalkemm kienet lesta biex titlaq hasset li kellha tibqa' mieghu. Hija ma marritx tirrapportah ghaliex huwa qal li se jhallas il-lus. L-imputat kien ighid li ghamel operazzjoni l-Germanja izda hija tghid li wahdu kien. Lilha qalilha li kien sejjer il-Germanja ghall-operazzjoni. Dak iz-zmien ma ddubitatux. Ma kellux punti f'rasu u qalilha li l-operazzjoni saret minn imniehru. Hija kienet taf li zewgha jsiefer fuq xoghol u kien ighidilha li jmur Praga. Hija kellha kuntatt mieghu Praga u kienet taf fejn joqghod. Waqt li kien Praga kienet taghmel kuntatt mieghu permezz tal-mowbajl. Mistoqsija jekk l-imputat qattx ta xi certifikati medici dwar il-kundizzjoni tieghu, ix-xhud wiegbet li kien ta qisha case summary minghajr firma u kien hemm isem ta' certu Dr Girlando li hija qatt ma kellmet. Kien taha xi numru u meta ppruvat iccempel ma qabditx ghax in-numru ma jezistix. In ri-ezami qalet li kien hemm anki membri tal-familja taghha li kienu tawh flus ghall-kura. Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016 hija pprezentat l-kopja tal-medical report minghajr firma li ghaddielha zewgha[12].

F'seduta sussegwenti[13] hija spjegat li ghamlet ir-rapport kontra zewgha wara hafna snin ghaliex huwa kien qalilha li se jbiegh vann u se jhallas id-dejn u ghalhekk iddecidiet li ma tirrappurtax. Izda imbaghad huwa ftiehem ma' sid garaxx li minflok ihallsu tal-kera jtih il-vann u allura d-dejn ma hallsux. Imbaghad il-bank bdew jinsistu maghha biex thallas id-dejn u hija rrifjutat billi ma kienitx iffirmat ghalih hija. Hija spjegat li kienet taf li kien hemm overdraft facility ghal business li ghalkemm kontra qalbha kienet iffirmat ghaliha dik il-facilita'. Hija hassitha responsabbli

[12] Dok X a fol 313 tal-process
[13] Tal-11 ta' Gunju 2018

biex thallas ghal overdraft facility izda mhux ghall-garanzija bankarja billi ma kienitx iffirmat ghaliha. Illum giet iffinalizzata s-separazzjoni mal-imputat u hija hadet il-kunjom ta' xebba u issa hija Denise Camilleri.

Fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2019 giet mistoqsija dwar il-messagg ezebit mill-imputat li huwa ritratt ta' sms u hija spjeagt li kellha argument ma' omm l-imputat. Din kienet qaltilha li hija ma kienitx omm tajba ghaliex irrapurtat lil binha u hija spjegat ghalfejn kienet irrappurtatu. Hija sostniet li l-imputat kien ammetta maghha li ffalsifika l-firma izda li kien se jhallas id-dejn, izda mbaghad telaq minn Malta u l-Bank beda jigri warajha biex thallas id-dejn. Ghalkemm meta kien imsiefer gieli kien ikun hemm kuntatt b'email, huwa kien anki biddel in-numru tal-mowbajl tieghu u qatt ma qalilha fejn kien. Hija qaltlu li l-Bank kien qieghed jigri warajhom minhabba d-djun u huwa qatt ma kien responsabbli biex jigi lura u jsolvi s-sitwazzjoni u kellha tiffaccja hija. Hija rrappurtat 4 snin wara ghaliex kien dak iz-zmieb li l-Bank beda jigri warajha. Qalet li qatt ma kienet semghet li xi persuna kien qieghed iheddu minhabba l-vann u l-ewwel darba li semghet din il-versjoni kienet waqt ix-xhieda tal-imputat. Hija kkonfermat id-dokument CD1 bhala email mibghuta minnha. Hija rieditu jigi lura biex jassumi responsabilita' tal-azzjonijiet tieghu ghaliex uliedhom spiccaw bla dar minhabba d-djun tieghu. Kellha anki thallas xi kredituri hija. Kellha tbiegh id-dar biex jithallas l-ammont ta' €120,000 dejn.

**In-Nutar Frans Micallef** xehed[14] billi kkonferma li l-garanzija bankarja Dok RA1 hija ffirmata minnu. Huwa kkonferma li kien ghamel zewg kuntratti numru 40 u 41 tas-sena 2009 fix-xahar ta' Marzu 2009. Huwa spjega li l-kelma Christian Demanuele in block giet miktuba minnu. Huwa kkonferma li Christian Demanuele kien iffirma quddiemu u n-Nutar qal li huwa dejjem jikteb bl-iswed. Qal li n-numru 11433A mhux miktub minnu. Ghalkemm fejn hemm numru iehor fejn hemm zball ghamilha huwa u kkoreggiha huwa u nnizjalatha minnu. Huwa qal li m'ghandux kopja tal-garanzija pero' kkonferma li l-mara tieghu ma kienitx marret mieghu dakinhar. Huwa qal li fuq dan id-dokument hemm zewg slaleb u dawn ghorkulu ghajnejh u li s-slaleb ma sarux minnu. Dan id-dokument ma ppreparahx huwa izda wasal ghandu mill-Bank. L-imputat kien qallu li martu ma setghetx tmur mieghu.

[14] Seduta tat-8 ta' Mejju 2014

In kontro-ezami[15], b'referenza ghall-garanzija bankarja xehed li hlief ghal Christian Demanuele li ffirma fil-presenza tieghu, l-ohrajn ma ffirmawx quddiemu. Huwa kkkonferma li kien jaf lill-imputat qabel billi kien ghamillu zewg kuntratti mal-BOV u kien jaf ukoll lil martu. Huwa ma jidhirlux li l-imputat kellu prokura tal-mara, pero l-ufficcju wahdu mar. Meta rega' ttella bhala xhud[16] huwa kkonferma x-xhieda tieghu precedenti. Huwa qal ukoll li li kieku kellu xi dubbju ma kienx jipprocessa. Pero qal li safejn jiftakar huwa, Christian Demanuele wahdu kien mar l-ufficcju tieghu.

L-espert nominat mill-Qorti **Joseph Mallia** xehed[17] li huwa gie nominat nhar l-4 ta' April 2014 mill-Qorti sabiex jirtira mill-atti Dok RA1 konsistenti f'garanzija bankarja u jiehu kampjuni tal-kaligrafija u firem tal-imputat Christian Demanuele u Denise Demanuele. Huwa ha dawn il-kampjuni seduta stante sabiex iwettaq ezami komparattiv. Fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2014, dan l-espert esebixxa r-relazzjoni maghmula minnu[18].

In kontro-ezami[19] spjega li biex jaqdi l-inkarigu tieghu kien ha kampjuni tal-firem tal-imputat, Denise Demanuele u tal-ufficcjali tal-Bank u dan sabiex jiddetermina jekk il-firem humiex genwini. Mill-ezamijiet li wettaq irrizultali li l-firem ta' Herbert Catania, ta' AnnaMaria Rossi u ta' Christian Demanuele qablu. Izda sab karatteristici li ma kienux kompatibbli mal-kampjuni li kienet tatu Denise Demanuele. Huwa spjega li hemm karatteristici li huma kompatibbli u hemm karrateristici fl-ewwel ittra D li huma kemmxejn differenti minn xulxin. Lilu hadd ma qallu li Denise Demanuele setghet iffirmat fuq kuxtejha, izda huwa spjega li meta wiehed jiffirma fuq kuxtejh jistghu jkunu daqsxejn imredin. Huwa kompla li meta ezamina l-kaligrafija ta' Denise Demanuele, il-mod ta' kif hija tikteb huwa mod mexxej u legger, kif ukoll hemm il-konsonanti tal-kunjom jinghaqdu ma' xulxin meta l-firma li tidher fuq il-garanzija bankarja jidher li hemm spazji bejn wahda w ohra. Il-formazzjoni tad-D inizjali mhiex konvincenti u jekk wiehed jara l-ahhar firma fuq l-ahhar pagna hemm waqfien fuq l-ittra 'e' u dan jirrizulta mil-linka eccessiva li harget mill-istrument waqt il-kitba ghaliex kien hemm waqfien. Meta xi hadd jiffirma fuq koxxtu jista' jkun hemm varjazzjonijiet zghar fil-firma originali izda l-karatteristici ossija l-mod kif ittra taghqad ma' ohra, il-flow kif ukoll l-angolu jibqa' pjuttost l-istess. Huwa jaqbel li l-firma standard ta' persuna qatt ma tkun

[15] Seduta tat-12 ta' Frar 2015
[16] Seduta tal-10 ta' Ottubru 2017
[17] Seduta tat-8 ta' Mejju 2014
[18] Dok JM a fol 76 tal-process.
[19] Seduta tal-10 ta' Ottubru 2017

identika. Izda huwa tenna li bejn l-allegati firem ta' Denise Demanuele u l-kampjuni li tatu fl-Awla hemm diskrepanzi kbar.

**Romwald Attard** rega' xehed[20] u pprezenta zewg kontijiet ta' Tanya Attard, wiehed Kont Kurrenti u iehor Savings. Mistoqsi jekk sarux trasferimenti mill-Kont Kurrenti ghall-credit card ta' Christian Demanuele, ix-xhud spjega li mir-ricerka li ghamel irrizultalu li kienu saru hames transazzjonijiet, izda saru transazzjonijiet minnha wkoll ghal fuq credit card f'isem kumpanija CS Motorsports Limited li l-contact person taghha ghall-Bank huwa Christian Demanuele. Inkwantu ghall-hames transazzjonijiet l-ammont totali taghhom kien ta' €12,000. Ix-xhud esebixxa l-istatements tal-kontijiet. Huwa esebixxa wkoll statement of accounts tal-credit cards. It-trasferimenti saru permezz ta' internet banking u kollha saru minn Tanya Attard[21].

**Tanya Attard[22]** xehdet li kienu baghtu ghaliha l-Pulizija u staqsewha diversi mistoqsijiet jekk hija tafx lil Christian Demanuele u hija tghid li wegbithom li personalment ma kienitx tafu pero kienet taf li kien habib tal-gharus taghha li jismu Keith Bonello. Ir-relazzjoni taghha ma' Keith Bonello kienet ilha ghaddejja xi erba' snin minn Settembru 2009. Mistoqsija jekk hija taghrafx lil Keith Bonello fl-Awla hija indikatu lill-Qorti bhala l-imputat odjern. Il-Pulizija staqsitha kienitx f'posizzjoni li taghraf min kien il-boyfriend taghha u wiegbet fl-affermattiv. Il-Pulizija wrietha ritratt u appena ratu kkonfermat li dak kien Keith Bonello izda effettivament kien Christian Demanuele li huwa l-imputat odjern. Hija xehdet li matul ir-relazzjoni hija kien ghaddiet xi flus lill-imputat odjern. Fis-sena 2010 hija kienet ghaddietlu s-somma ta' €23,000 pero taf li ghaddietlu somom ohrajn u qalet li bejn wiehed u iehor ghaddietlu s-somma ta' €48,000. Ftit minnhom tathomlu flus kontanti, uhud ghamlet bank transfer u ohrajn Western Union. Meta kienet ghamlet bank transfers hija kienet ghamlithom fil-visa ta' Christian Demanuele u meta kienet ghamlithom tramite Western Union kienet tibghathom ir-Repubblika Ceka. L-ewwel parti tal-flus ghaddiethom ghaliex qalilha li kellu bzonn dik is-somma flus biex jinhall minn kuntratt ta' xoghol li huwa kellu l-Germanja u l-ohrajn kienet ghaddiethomlu ghaliex qalilha li kien marid u kellu bzonn operazzjoni u hija minghalija li kienet qeghda tghaddihom lill-gharus taghha li kien jismu Keith Bonello. Il-flus kontanti

[20] Seduta tad-19 ta' Gunju 2014
[21] Gew ezebiti mix-xhud Dok RA sa RA5
[22] Seduta tat-22 ta' Lulju 2014

ghaddiethom lill-imputat odjern u meta ghaddiethom permezz tal-Bank huwa qalilha li Christian Demanuele kien il-best friend tieghu. Hija tkompli li kienet giet mitluba wkoll minnu sabiex taghtih somma flus sabiex jaqta' minn kawza li huwa kellu mal-imghallem tieghu u kienet qaltlu li ma kellhiex aktar flus x'ittih. Sussegwentement qallu li kellu klijent li kellu jhallsu u staqsiha jekk kienx possibbli li dawn il-flus jigu depozitati f'kont taghha biex hija mbaghad tghaddihom lil Christian Demanuele li kien qieghed ir-Repubblika Ceka u hija qaltlu li kienet lesta li taghmel hekk. Hija kienet irceviet xi somma flus minn xi klijent barrani u ghaddiet dawn l-istess flus li hija rceviet lil Christian Demanuele gewwa r-Repubblika Ceka tramite transfer ta-Wetsern Union. Meta bdiet tohrog mal-imputat huwa kien qalilha li huwa single. Kienet taf li kellu huh akbar minnu u zewg hutu bniet izghar pero qatt ma ltaqghet maghhom.

In kontro-ezami[23] hija qalet li matul l-erba' snin tar-relazzjoni taghha mal-imputat hija dejjem indirizzatu bhala Keith Bonello. Huwa qatt ma qalilha li kien jismu Christian Demanuele. Huwa kien qalilha x'jisimhom hutu ghax kien isemmihom. Hija qatt ma marret id-dar tieghu. Hija talbitu hafna drabi biex tmur id-dar tieghu imma kien dejjem ighidilha li jew kellu xi jghid mal-familja tieghu jew ghax kien se jsiefer u dejjem b'xi skuza u ma jmorrux. Huwa kien ighidilha li joqghod in-Naxxar. Qalilha li kellu lil ohtu tghix mieghu ghax isseparat izda lil ohtu qatt ma kellmitha. Lanqas l-indirizz tad-dar tal-imputat ma kienet taf. Hija riedet tiltaqa' mal-familja tieghu imma huwa kien ighid li ma jridx jaqla' nkwiet ma' tal-familja ghax kellu nkwiet bizzejjed. Hija tixhed li ltaqghet mal-imputat fuq site jisimha *Connecting Singles.* Huwa kien identifika ruhu bhala Keith Bonello. Qalilha li kien jahdem mal-Pentapharm, izda hija qatt ma marret tarah fuq il-post tax-xoghol. Huwa kien ighidilha li jsiefer hafna.

Ghar-rigward tal-flus hija xehdet li wara li kien ilhom kwazi sena flimkien beda ighidilha li kien ma jiflahx u kien barra b'xoghol u hassu hazin u kellu bzonn jaghmel operazzjoni u ma kellux min ighinu u hija qaltlu li fejn setghet tghinu kienet se tghinu. Qalilha li ghandu insurance tax-xoghol u kien qalilha li kif ituh is-somma kien jaghtiha l-flus lura u b'hekk offrietlu l-flus. Ghall-operazzjoni biss tatu €18,000. Hija kkonfermat li offriet li sselliflu l-flus ghaliex huwa assikuraha li kien se jaghtiha kollox lura u qalilha biex jaghmlu kollox bil-miktub. Apparti din is-somma kien hemm flus ohra li b'kollox iqarreb €50,000. Dawn kienu jinkludu spejjez biex johrog mix-xoghol, spejjez ghall-isptarijiet, medicini. Kien ighidilha

[23] Seduta tal-20 ta' Lulju 2017

ikteb halli jroddhom lura. Huwa qatt ma qalilha li meta jkun f'sitwazzjoni finanzjarja ahjar jibda jhallasha €500 fix-xahar. Lilha kien jitlobha l-flus u kien ighidilha li tlett xhur wara kienu se jtuh l-flus lura u huwa jaghtihomlha lura. Ghalkemm kien ighaddi z-zmien hija kienet tistaqsih ghall-flus u huwa kien ighidilha li kien ghadu qed jistenna mill-Qorti, mill-Employer ecc. Lejn l-ahhar kien baghtilha email li xi avukat baghtlu li kien konfermat li l-flus daqt johorgu. Imma mbaghad hija waqfet mir-relazzjoni. Ghamlet ir-rapport. Il-flus ma gewx. Hija marret id-depot ghaliex staqsewha fuq xi hadd jismu Christian Demanuele u hija ma kienitx taf li kien l-istess bniedem li huwa Keith Bonello. Kif saret taf il-fatti, ghamlet ir-rapport ghaliex hasbet li l-flus qatt ma kienu se jaslu. Tghid li sa xahar/xahar u nofs qabel m'ghamlet ir-rapport kienet ghadha f'kuntatt mieghu izda imbaghad ma semghet xejn aktar minghandu. Kien ighidilha li kien imsiefer imma qatt bi precizjoni fejn kien. Kien qalilha li sejjer ir-Repubblika Ceka. Hija kienet infurmat b'dan lill-pulizija. Kellha kuntatti tieghu imma qatt ma kienet qed taqbdu lejn l-ahhar xahar u nofs fuq il-mowbile numbers li kellha. Hija kkonfermat li kien hemm trasferiment tramite l-Western Union fejn hemm referenza ghal Christian Demanuele. L-imputat kien ighidilha li peress li ma kellux hafna flus kien hemm habib tieghu li huwa l-akbar habib tieghu Christian Demanuele r-Repubblika Ceka biex tghaddihom lilu biex ihallas lill-avukat. Hija cahdet li darba waqt li kienu fil-karozza giet f'idejha l-karta tal-identita' tal-imputat fejn kien hemm indikat Christian Demanuele bir-ritratt tieghu. Hija saret taf bl-identita' tieghu dakinhar li marret id-depot quddiem l-Ispettur Stivala. Hija la qatt irceviet telefonata minghand Denise Demanuele u lanqas qatt ma kellmitha.

In ri-ezami hija qalet li meta l-imputat kien ighidilha li se jtiha l-flus lura u biex tikteb kollox, ghaliha l-flus kellu jroddhom lura Keith Bonello. Mistoqsija biex tispjega kif l-imputat kien jitlobha l-flus, hija spjeagt li kien imur inkwetat, b'hass hazin fuqu u jghidilha li ghandu l-problemi. Kien ighidilha li ma kienx ikun jaf lil min se jghid u li lilha biss kien jafda u kien ighidilha li kellu kawza li se tinghalaq fi zmien tlett xhur u kien se jtiha l-flus kollha lura u imbaghad kienet tghidlu li kienet se tara kif setghet tghinu. Il-ftehim kien bejnha u bejn Keith Bonello li hi tghaddilu l-flus u huwa jghaddilha lura l-istess ammont. Flus qatt ma rceviet lura. Dawn il-flus li tat lill-imputat kienu provenjenti mill-wirt ta' missierha u kienu merfughin ghal xi bzonn. Mistoqsija mill-Qorti jekk meta l-imputat kien ighidilha li huwa marid jekk hija qattx rat xi dokumenti wiegbet li hija rat li gieli kien jinfarag u darba minnhom infarag u hassu hazin quddiemha. Darba minnhom urieha l-pilloli li kien tah it-tabib li ried jixtrihom bilfors

biex itaffi halli jkun jista' jsiefer. Darba minnhom taha l-isem tal-isptar, il-post fejn kien se jkun u kienet iccekkjat jekk hux minnu u kollox kien minnu mid-dettalji li hija vverifikat mill-Internet izda hija qatt ma cemplet l-Isptar. Id-dettalji tal-isptar ma tafhomx issa. Kienet relazzjoni pjuttost stabbli. Hija ccekkjat li t-tabib u l-isptar jezistu minn fuq l-internet, pero ma vverifikatx li l-imputat kien l-isptar. Hija tatu l-flus ghax emmnitu ghax kienet thobbu u fdatu. Qatt ma talbitu xi rcevuti tal-isptarijiet.

**Ronald Cilia**[24] xehed li huwa ntalab jaghti informazzjoni dwar transfers li setghu saru fuq isem Tanya Attard ghal fuq Christian Demanuele lejn ir-Repubbblika Ceka. Mir-ricerka li wettaq matul il-perjodu tal-1 ta' Jannar 2012 sad-9 ta' Awwissu 2013 saru tnax-il transazzjoni bejn it-13 ta' Ottubru 2012 u 9 ta' Awwissu 2013 fl-ammont ta' €5,549[25]. Dan ix-xhud rega' xehed[26] u qal li l-persuna li baghtet il-flus kienet Tanya Attard u dawn intbaghtu gewwa r-Repubbblika Ceka lil Christian Demanuele b'Passaport Malti Numru 1011404[27]. In kontro-ezami[28] spjega li hemm zewg formoli differenti skont jekk persuna hiex se tibghat il-flus jew hux se tircievi l-flus. Meta jkun hemm suspett ta' hasil ta' flus jew reat simili l-impjegati tal-kumpanija jistaqsu lill-applikant ir-raguni wara l-flus. Pero dan isehh meta l-ammont ikun wiehed konsisderevoli. Jinzammu records tat-trasferimenti li jsiru. Huwa kkonferma li t-transazzjonijiet li saru minn Tanya Attard huma dawk ezebiti fl-atti. Huwa ma jafx jekk wara dakinhar Tanya Attard baghtitx aktar flus barra minn Malta. Biss pero spjega li apparti Western Union hemm kumpaniji ohra li jibghatu flejjes barra minn Malta.

**PC 723 Dorian Tanti**[29] ikkonferma li l-complaint form ta' Tanya Attard datata 22 ta' Settembru 2013[30] thejjiet minnu. Anki l-complaint form datata 8 ta' Mejju 2013 ta' Denise Demanuele[31] saret minnu wkoll. Huwa kkonferma wkoll l-firma tieghu fuq l-istqarrija rilaxxata mill-imputat[32] u kkonferma li l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat qabel ma jirrilaxxja l-istqarrija, liema dritt huwa ghazel li jezercita. **PS782 Sean**

[24] In rapprezentanza tal-Western Union fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2014
[25] Dok WU a fol 121 tal-process
[26] Seduta tal-21 ta' Awwissu 2014
[27] Dok RC sa RC8.
[28] Seduta tas-16 ta' April 2015
[29] Stazzjonat Economic Crimes Unit li xehed fit-22 ta' Lulju 2014
[30] Immarkata bhala Dok SR2 a fol 28 tal-process
[31] Dok SR4 a fol 35 tal-process
[32] Dok RS3 a fol 8 tal-process

**Scicluna**[33] ikkonferma l-firma tieghu fuq id-dikjarazzjoni ta' Tanya Attard[34] .

**Dr Claudette Fenech**[35] ipprezentat Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija CS Motorsports Limited[36].

**Joseph Caruana** xehed[37] li Dok RA hija garanzija bankarja li johrog il-Bank. Huwa qal li din il-garanzija jidher li giet iffirmata quddiem in-Nutar Francis Micallef u b'hekk ifisser li l-garanzija kienet inghatat lill-klijent sabiex jiffirmaha quddiem Nutar. Huwa ma jafx lil Christian Demanuele u martu personalment. Huwa mhux f'posizzjoni li jikkonferma jekk gewx ivverifikati l-firem. Jista' jkun li l-garanzija bankarja giet ricevuta minn Herbert Catania li huwa Branch Manager u hemm ukoll il-firma ta' AnnaMaria Rossi li kienet ukoll Manager.

**AnnaMaria Rossi** xehdet[38] b'referenza ghall-garanzija bankarja ezebita in atti bhala Dok RA 1. Hija spjegat li l-garanti kienu Christian u Denise Demanuele. Huma ma ffiramwx id-dokument quddiemha u safejn taf hija dawn iffirmaw quddiem in-Nutar Francis Micallef. Ma kienitx hija li tat din l-applikazzjoni lill-imputat. Hija lanqas ma taf min ghamel l-islaleb fuq il-formola fejn hemm il-firem. Hija tokkupa l-kariga ta' Manager. Hija kienet ix-xhud tal-firma ta' Herbert Catania li kien il-Branch Manager ta' Santa Venera dak iz-zmien.

**Herbert Catania** xehed[39] li huwa jokkupa l-kariga ta' Branch Manager fil-Bank of Valletta plc u kien jokkupa tali kariga f'Santa Venera bejn il-perjodu 2006 sas-sena 2011. B'referenza ghal Dok RA 1 huwa kkonferma l-firma tieghu. Dan id-dokument huwa maghruf bhala LEGO 1. Bil-firma tieghu tfisser li huwa kien qieghed jaccetta dan id-dokument f'isem il-Bank. Huwa fl-ebda hin ma ffirma *witness to sigantures* tal-garanti konjugi Demanuele. Huma ma ffirmawx quddiemu. Hija procedura tal-Bank li l-garanzija tinghata lill-applikant biex jehodha ghand in-Nutar tal-ghazla tieghu u tigi ffirmata quddiemu. Fil-fehma tieghu f'dan il-kaz hekk gara. Huwa jaf lill-imputat bhala klijent tal-Bank. Ikkonferma li l-Bank ikollu specimen signatures tal-klijent pero' mhiex procedura tal-Bank li

[33] Stazzjonat Economic Crimes Unit li xehed fit-13 ta' Awwissu 2014
[34] Dok SR1 a fol 25 tal-process
[35] In rapprezentanza tal-MFSA – seduta tat-23 ta' Ottubru 2014
[36] Dok MFSA2 a fol 174 tal-process
[37] Seduta tat-12 ta' Marzu 2015
[38] In rapprezenatnza tal-BOV plc fis-seduta tas-16 ta' April 2015
[39] Seduta tas-16 ta' April 2015

jivverifikaw jekk l-ispecimen signatures li ghandu l-Bank jaqblux mal-firem li jkun hemm fuq il-LEGO 1 ghaliex il-Bank jistrieh fuq in-Nutar. Mart l-imputat qatt ma kellmitu fuq il-garanzija inkwistjoni u qatt ma qaltlu li saret minn wara daharha. Kieku qaltlu hekk kien jiehu l-passi u jirrapporta l-kaz lid-dipartiment taghhom. In kontro-ezami qal li l-garanzija harget meta kien hemm talba ghal temporary access fejn kien hemm talba ghal self addizzjonali ghal certu perjodu. Huwa ma jafx li qatt kellu komunikazzjoni ma' mart l-imputat dwar din il-garanzija. Inkwantu ghal transfers li jsiru bl-internet banking, internet key wahda tinghata.

**Jonathan Abdilla**[40] kien mitlub jixhed fuq ic-caqliq tal-imputat minn u lejn Malta fil-perjodu tal-1 ta' Lulju 2019 sal-31 ta' Marzu 2014. Ix-xhud sab 4 bookings – wiehed fis-sena 2019, tas-sena 2010 u tas-sena 2014. Wiehed kien Malta/Frankfurt/Frankfurt/Malta. Iehor huwa parti minn booking. Praga/Munich u Munich/Malta. Ghandu iehor Malta/Frankfurt/Frankfurt/Malta u iehor Malta/Frankfurt/Praga/Praga/Frankfurt/Malta. **Joseph Bugeja**[41] kien mitlub jixhed fuq ic-caqliq tal-imputat minn u lejn Malta fil-perjodu tal-1 ta' Lulju 2019 sal-31 ta' Marzu 2014. Mir-ricerka li saret ma kien hemm ebda record ta' bookings fuq il-kumpanija Ryanair. **Jonathan Tabone**[42] intalab li jaghmel ricerka fl-istess perjodu u huwa pprezenta Dok JT li minnu jirrizulta li l-imputat uza s-servizz diversi drabi.

**L-imputat Christian Demanuele** xehed[43] li huwa kien jahdem ma' kumpanija zghira Forte Distributors u kienu erbat irgiel, wiehed minnhom jismu Keith Bonello li kien ghadu zaghzugh u single. Fil-break kienu joqoghdu jiccajtaw u darba minnhom dahal go website jisimha Connecting Singles u kien hemm Tanya Attard li l-imputat beda jkellimha u holqu hbiberija platonika. Ghadda z-zmien u bdew jiltaqghu biss bhala hbieb biex jitkellmu. Ighid li mill-ewwel darba li ltaqa' maghha qalilha li huwa ma kienx jismu Keith Bonello izda Christian Demanuele u hija qaltlu li hija ma kienx jisimha Curly izda Tanya. Huwa jsostni li Tanya Attard kienet taf mill-bidunett min kien u bejniethom qatt ma kien hemm xejn intimu ghax huwa kien mizzewweg izda ltaqghu diversi drabi bhala hbieb biss. Imbaghad darba minnhom ratu mdejjaq u qalilha li kellu problema ta' flus u hija offrietlu minn jeddha li tghinu. Huwa qatt ma talabha flus u

---

40 In rapprezenatnza ta' AirMalta plc – seduta tal-11 ta' Gunju 2018. Dan ix-xhud esebixxa Dok JA1 sa Dok JA4

41 In rapprezentanza ta' AviaServ li huma l-handling agents tal-kumpanija Ryaniar – seduta tal-11 ta' Gunju 2018. Dan ix-xhud esebixxa Dok JB

42 In rapprezentanza ta' Virtu Ferries – seduta tal-11 ta' Gunju 2018

43 Fit-22 ta' Jannar 2019

huwa mill-ewwel qalilha li ma jafx jekk ikunx jista' jaghtihomlha lura. Hija qaltlu li l-flus kienu hemm u ahjar milli jiehu farka l-Bank jahdem bihom huwa. Meta ntqal dan id-diskors kienu fl-akkwati tal-Istadium ta' Ta' Qali u kienu wahedhom. Ma jafx is-sena meta kien izda ilu hafna. Qal ukoll li darba kien mar ghaliha huwa ghax kellha l-karozza bil-hsara u bdiet tqalleb u giet f'idejha licenzja tas-sewqan tieghu, cioe' ta' Christian Demanuele, u qaltlu kemm kien gie ikrah fir-ritratt. Meta bdew dawn il-proceduri l-avukat tal-imputat ta' dak iz-zmien ipprova jaghmel kuntatt ma' Tania biex jaslu f'arrangament ta' pagamenti. Mistoqsi dwar l-ammont huwa qal li l-ammont indikat fl-EAW huwa minfuh. Qal li kellu notamenti izda gidu m'ghadhux ghandu. Meta l-avukat tieghu ikkuntattja lil Tanya hija qaltlu li ma kienitx interessata u ghall-imputat din fissret li hija ma rieditx il-flus izda ippruvat tixtri l-imhabba bil-flus. Qal li ghadu jirrispettaha izda fil-konfront taghha kienet kwistjoni ta' self u mhux frodi. Kompla jixhed li Tanya Attard m'ghamlitx rapport minn jeddha izda kienet Denise li qalet lill-Ispettur biha.

Inkwantu ghall-firma, huwa spjega li parti min-negozju tieghu kien li jmorru n-nies fuqu u jghidilu li jkunu raw vettura fuq l-internet u jaghtuh fee, jhallsulu l-vjagg u jmur igib il-vettura huwa. Kien hemm vann partikolari u l-imputat qal li ha l-flus minn tal-kumpanija biex igibu u kif l-imputat wasal lura Malta dan ir-ragel kien lahaq xtara iehor. Ighid li huwa xtara l-vann minghand ragel minn Bormla li kien imexxi bl-uzura u hedded lill-imputat fizikament, li ha jahraqlu l-hanut, li se jehodlu t-tifla z-zghira u ghalhekk huwa ghamel hafna pressjoni fuq Denise. Dan ir-ragel ghad irid flusu lura. Il-firma saret fuq kuxtejha u huwa mar bil-firma ghand in-nutar Micallef li ffirma l-garanzija u ghamel timbru tieghu. L-imputat sostna li huwa ma kienx mahrub minn Malta. Meta siefer f'Dicembru 2012 ma kien hemm l-ebda procedura kontrih. Tant huwa hekk li r-rapport sar wara din id-data u l-mandat ta' arrest sar fit-18 ta' Dicembru 2013. Huwa kien qieghed jahdem u jghix hemm biex jipprova jsolvi certu problemi li kellu. Qal li t-telefown dejjem wiegbu anki jekk ikun privat jew unknown u jekk l-Ispettur kellu telefown fazull ma jafx. Huwa qal li hafna persuni qalulu li Denise u missierha bdew ighidu li jekk l-imputat ma jigix wahdu kienu jgibuh bil-Pulizija u huwa ma setax jifhem kif. Huwa pprezenta l-ahhar email li baghtitlu Denise[44], li kienet f'xi Ottubru u juri bic-car li kien hafna emails qabel. Hija ma kinitx taf l-indirizz tieghu imma l-indirizz elettroniku kienet tafu. Dejjem kellhom kuntatt ghax huma ghandhom zewgt itfal. Huwa qal li Denise kienet

[44] Dok CD1

involuta hafna fil-kumpanija[45]. Qal ukoll li mhux minnu li hija ghamlet ir-rapport ghax il-Bank kien qed jigri warajha izda kienet biss vendikazzjoni. Huwa jsostni dan billi esebixxa ritratt ta' SMS[46] mibghut lil ommu. Allega li ghalkemm martu kellha mod ta' kif isir kuntatt mieghu hija ma qalitx il-verita' quddiem il-Qorti tal-Familja[47].

L-imputat qal li waqt li kien il-Habs martu cemplitlu u bdiet tghidlu li jekk jaqleb id-dar fuqha hija kienet twaqqa' l-akkuzi. Is-sena precedenti ghax-xhieda l-kawza ta' bejniethom inqatghet. L-imputat semma wkoll lil Carry Hermitage li qal li hallas tlett darbiet l-iskola tat-tifla taghha u li huwa ma hadilha xejn u qatt ma ha xejn lil hadd. Huwa qal ukoll li huwa kellu stock u hafna affarijiet personali inkluz dokumenti fil-garaxx izda minhabba li ma kienx qieghed ihallas kera saru hafna rikorsi minn sid il-kera u kollox ittehidlu.

In kontro-ezami huwa ntalab jekk kienx jikkonferma l-isqtarrija tieghu u huwa hekk ghamel u kkonferma li ma kienx hemm theddid. Biss pero qal li wara 59 jum gewwa Habs gewwa Praga fejn il-kundizzjonijiet kienu hziena huwa kien ghajjien u mkisser pero' l-Ispettur m'heddux u kien gentili mieghu. Inkwantu ghall-email account ta' Keith Bonello qal li kien ghamlu ghal Keith Bonello b'cajta. Huwa qal li ma jaqbilx ma' dak li xehdet Tanya Attard li hija kienet tafu biss bhala Keith Bonello tant li t-tarsferimenti ghamlithom fuq ismu. Huwa tenna li ried li jkun hemm arrangament ma' Tanya Attard biex jibda jhallasha lura l-flus kif qal fl-istqarrija izda dak iz-zmien kien minghalih li kellu l-istock fil-garaxx. Huwa anki pprova jirranga ma' sid il-garaxx izda kien inhareg mandat fuq il-garaxx. Rigward il-vann huwa qal li pprova jbieghu izda ma sabx bejgh u minflok innegozjah kera ma' sid il-garaxx. Dan nonostante li kien jaf li kien hemm persuna li riedet flusha lura. L-imputat qal li m'ghamel l-ebda rapport kontra l-individwu li kien qed igheddu. Inkwantu ghar-rapport li ghamlet Denise huwa qal li ma kienx jaf bih allavolja kien ikellimha kwazi kuljum. Spjega li meta telaq minn Malta kienu ilhom diga' xi sena w nofs separati minn xulxin martu u huwa. Spjega li originarjament kien hemm proceduri quddiem medjatur u imbaghad bdew mill-gdid. Huwa kkonferma li qabel ma siefer kienu bdew il-proceduri u kien gie prezentat abbozz tal-kuntratt ta' separazzjoni. Mistoqsi jekk jaqbilx li f'dak l-abbozz kien hemm indikat li sehmu mid-dar kien se jghaddi lil martu bhala pagament tal-manteniment u tad-djun

[45] Dok CD2
[46] Dok CD3
[47] Dok CD4 u 5

li kien hemm fuq il-komunjoni tal-akkwisti, l-imputat wiegeb li huwa u l-avukat tieghu qatt ma qablu dwar tali proposta. Mistoqsi mela x'kienet ir-raguni li kien deher biex jinqara quddiem il-medjatur u kien ta l-kunsens tieghu biex imbaghad jigi mghoddi lill-Imhallef, l-imputat wiegeb li ma jiftakarx x'kien fih l-ahhar draft dwar id-dar. Qabel pero' li l-kuntratt ma giex iffirmat ghax huwa telaq minn Malta. Huwa kellu intenzjoni li ma jdumx barra izda sab impjieg u cirkostanzi differenti. Martu kienet infurmata permezz tat-telefown cellulari. Huwa kkonferma li l-kumpanija C&S Motor Sports kellha diversi kredituri. Huwa jichad li kien hemm diversi kredituri li tawh depozitu u l-oggetti qatt ma waslu minn barra minn Malta. Inkwantu ghall-€10,000 martu ma rieditx izzid id-dejn mal-Bank. Mistoqsi ladarba hija ma rieditx izzid id-dejn kif jispjega li skontu hija xorta ffirmat huwa qal ghaliex kien hemm kompromess. Ikkonferma li huwa kien imur ghall-kura l-Germanja diversi drabi. Mistoqsi kif fl-istess zmien kien ikollu titjiriet ghal Praga huwa qal li dan kien across the border.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-imputat tressaq b'arrest fid-19 ta' Marzu 2014 wara li ngab mir-Repubblika Ceka wara l-hrug ta' European Arrest Warrant fil-konfront tieghu. Dan qieghed jigi rilevat purament minhabba xi sottomissjonijiet li saru mid-difiza u li jehtieg li jigu trattati ghaliex altrimenti ghalkemm hekk gara pero' dan il-fatt m'ghandux rilevanza ghal meta se jigu kkunsidrati l-provi dwar l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

Fl-ewwel lok irid jigi rilevat li d-difiza fis-seduta tad-19 ta' Marzu 2014 kienet irrilevat li mill-akkuzi fil-konfront tal-imputat jirrizulta l-akkuza ta' reat kontinwat taht l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9, illi mill-European Arrest Warrant li inhareg kontra tieghu m'hemm ebda referenza ghall-artikolu 18 u ghaldaqstant l-imputat m'ghandux iwiegeb ghall-akkuza ta' reat kontinwat.

Illi huwa minnu li fil-formola li permezz taghha inhareg l-EAW tali artikolu mhux indikat. Biss pero meta gew deskritti l-allegati reati tnizzel b'mod car li meta kien f'relazzjoni ma' Tanya Attard fis-snin 2010 sa 2013 f'diversi okkazzjonijiet talabha l-flus.

Il-Qorti f'dan l-istadju tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Attard Portughes** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li rriteniet:

*"Sabiex reat ikun wiehed kontinwat, jehtieg li jikkonkorru tlett rekwiziti, cioe', (1) diversi azzjonijiet li jivvjolaw l-istess disposizzjoni tal-ligi; (2) li gew maghmula f'okkazzjonijet differenti;*
*(3) li gew maghmula dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza biex tinkiser dik l-istess disposizzjoni tal-ligi.*

*Fuq kollox:*

***"Ir-reat kontinwat huwa finzjoni legali krejata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi.[48]"***

Ghaldaqstant huwa evidenti li f'kaz ta' sejbien ta' htija l-imputat jibbenefika bl-applikazzjoni ta' tali artikolu ghaliex minflok gie akkuzat li ffroda lil Tanya Attard b'referenza ghal kull data w allura f'kaz ta' sejbien ta' htija jrid jigi kkundannat u l-piena tigi kkalkulata fuq kull akkuza, bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali tinghata piena komplessiva u jekk tizdiedx bi grad jew tnejn hija diskrezzjonali fuq il-Qorti.

Ghalhekk tali talba hija michuda.

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

[48] Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri – App. Inf – (per Imhallef Lino Agius) – 30/10/2001

Illi l-imputat qieghed jigi addebitat bir-reat ta' frodi ghad-dannu ta' Tanya Attard u dan meta hija ghaddietlu s-somma f'diversi okkazjonijiet li allegatament hija madwar €48,000.
Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk[49]:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi: a) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*

*b) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale; c) un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[50]

*Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat bnhta' truffa:*

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- lingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bilkorrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata.*

*Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din iddistinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.*

---

[49] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kevin Falzon** deciza mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-17 ta' Ottubru 2019
[50] Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli lvittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lillagent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata.*

Kwantu ghall-kwistjoni ... jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment minnaha l-ohra.[51]

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet[52]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[53]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Illi dan l-awtur pero jkompli jghid li

---

[51] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[52] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[53] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 356

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[54].

Illi l-versjonijiet moghtija minn Tanya Attard u l-imputat huma pjuttost kunfliggenti. Biss pero' dan ma jfissirx li tali kunflitt ghandu jwassal ghal liberatorja.

Jirrizulta li Tanya Attard giet mitkellma mill-Pulizija u mistoqsija dwar jekk kinitx taf lill-imputat u sussegwentement hija tat zewg dikjarazzjonijiet fejn tat ir-retroxena ta' kif iltaqghet mal-imputat li minghalija kien Keith Bonello u li zviluppat relazzjoni sentimentali bejniethom ghal madwar erba' snin u li matul din ir-relazzjoni hija ghaddietlu somom ta' flus li minnhom ma rceviet xejn lura. Tanya Attard stqarret fit-18 ta' Settembru 2013 li kien proprju dakinhar li saret taf li Keith Bonello u Christian Demanuele kienu l-istess persuna meta giet murija ritratt mill-Ispettur Stivala. Hija tat id-dettalji ta' kif kienu saru l-pagamenti lill-imputat matul iz-zmien.

Tanya Attard xehdet li hija ltaqghet mal-imputat permezz ta' website Connecting singles fejn huwa identifika ruhu bhala Keith Bonello. Dan mhux kontestat mill-imputat u jidher li anki hija kienet uzat *nickname.* Qalilha li kien jahdem mal-Pentapharm, izda hija qatt ma marret tarah fuq il-post tax-xoghol u kien qalilha li jsiefer hafna. Kien qalilha li huwa single u ghalkemm kienet taf li kellu hutu qatt ma ltaqghet mal-familjari tieghu anki jekk talbitu biex tiltaqa' maghhom. Hija tixhed li hija dejjem baqghet tafu bhala Keith Bonello u huwa qatt ma identifika ruhu bhala Christian Demanuele. Xehdet li wara li kien ilhom kwazi sena flimkien beda ighidilha li kien ma jiflahx u kien barra b'xoghol u hassu hazin u kellu bzonn jaghmel operazzjoni u ma kellux min ighinu u hija qaltlu li fejn setghet tghinu kienet se tghinu. Semmielha xi insurance tax-xoghol u kien qalilha li kif ituh is-somma kien jaghtiha l-flus lura u b'hekk offrietlu l-flus. Ghall-operazzjoni biss tatu €18,000. Hija kkonfermat li offriet li sselliflu l-flus ghaliex huwa assikuraha li kien se jaghtiha kollox lura u qalilha biex jaghmlu kollox bil-miktub. Apparti din is-somma kien hemm flus ohra li b'kollox iqarreb €50,000. Dawn kienu jinkludu spejjez biex johrog mix-xoghol, spejjez ghall-isptarijiet, medicini. Spjegat li whud mill-flus tathomlu kontanti, uhud ghamlet bank transfer u ohrajn Western Union. Meta kienet ghamlet bank transfers hija kienet ghamlithom fil-visa

[54] Op cit pagna 357

ta' Christian Demanuele u meta kienet ghamlithom tramite Western Union kienet tibghathom ir-Repubblika Ceka. L-ewwel parti tal-flus ghaddiethom ghaliex qalilha li kellu bzonn dik is-somma flus biex jinhall minn kuntratt ta' xoghol li huwa kellu l-Germanja u l-ohrajn kienet ghaddiethomlu ghaliex qalilha li kien marid u kellu bzonn operazzjoni u hija minghalija li kienet qeghda tghaddihom lill-gharus taghha li kien jismu Keith Bonello. Il-flus kontanti ghaddiethom lill-imputat odjern u meta ghaddiethom permezz tal-Bank huwa qalilha li Christian Demanuele kien il-habib tal-qalb tieghu. Sostniet li kien talabha sabiex taghtih somma flus sabiex jaqta' minn kawza li huwa kellu mal-imghallem tieghu u kienet qaltlu li ma kellhiex aktar flus x'ittih. Sussegwentement qalilha li kellu klijent li kellu jhallsu u staqsiha jekk kienx possibbli li dawn il-flus jigu depozitati f'kont taghha biex hija mbaghad tghaddihom lil Christian Demanuele li kien qieghed ir-Repubbblika Ceka u fil-fatt hekk sar u dawn l-istess flus li hija rceviet baghtithom lil Christian Demanuele gewwa r-Repubblika Ceka tramite transfer ta-Wetsern Union. Lilha kien jitlobha l-flus u kien ighidilha li tlett xhur wara kienu se jtuh l-flus lura u huwa jaghtihomlha lura. Ghalkemm kien ighaddi z-zmien hija kienet tistaqsih ghall-flus u huwa kien ighidilha li kien ghadu qed jistenna mill-Qorti, mill-Employer ecc. Lejn l-ahhar kien baghtilha email li xi avukat baghtlu li kien konfermat li l-flus daqt johorgu. Biss pero hija qatt ma giet offerta xi hlas lura u wisq anqas irceviet flus lura. Dejjem kien iweghda u kien ighidilha biex tikteb kollox biss pero' ghaliha l-flus kellu jroddhomlha Keith Bonello.

Meta telaq minn Malta kien qalilha li sejjer ir-Repubblika Ceka izda ghalkemm kellha l-kuntatti tieghu qatt ma kienet qed taqbdu lejn l-ahhar xahar u nofs fuq il-mowbile numbers li kellha. Hija kkonfermat li kien hemm trasferiment tramite l-Western Union fejn hemm referenza ghal Christian Demanuele. L-imputat kien ighidilha li peress li ma kellux hafna flus kien hemm habib tieghu li huwa l-akbar habib tieghu Christian Demanuele r-Repubblika Ceka biex tghaddihom lilu biex ihallas lill-avukat. Hija cahdet li darba waqt li kienu fil-karozza giet f'idejha l-karta tal-identita' tal-imputat fejn kien hemm indikat Christian Demanuele bir-ritratt tieghu.

Hija qatt ma rat xi dokumenti li kienu jikkonfermaw li l-imputat kien marid pero' taf li gieli nfarag u darba nfarag u hassu hazin. Darba wriha xi pilloli li kien qed jiehu. Kien qalilha x'kien jismu l-isptar u vverifikat li kien jezisti izda ma cemplitx biex tistaqsi. Ammetiet li tatu l-flus ghaliex emmnitu u kienet thobbu u ghalhekk fdatu.

Min-naha tieghu l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu stqarr li ghalkemm huwa kienu juza l-isem ta' Keith Bonello fuq id-dating sites izda meta kien jiltaqa' man-nisa kien ighidilhom li huwa Christian Demanuele. Lil Tanya Attard qalilha ftit wara li kien iltaqa' maghha min kien verament u mhux veru qalilha li Christian Demanuele kien habib tieghu. Inkwantu ghall-ammont ta' flus gie suggerit lilu li l-ammont misluf kien €48,000 huwa qal li hija offrietlu li tghinu ghaliex kienet tarah inkwetat fuq xoghol u qal li kien qieghed jaqbel mal-ammont. Ikkonferma wkoll li kien ghadu ma hallasha xejn lura. Fiz-zmien li kien iltaqa' maghha kien jahem fil-linja tal-kosmetika, kimika u detergents u hadem ma' diversi kumpaniji. Huwa ma ftakarx ghalfejn kien ighidilha li jrid imur il-Germanja. Ma jafx x'inhi Pentapharm. Mistoqsi specifikatament jekk Tanya selfitux madwar €18,000 biex imur ghall-kura ghall-mard li kellu f'rasu wiegeb li kien qed jaqbel mal-ammont ossia €48,100 pero' ma ftakarx kif Tanya Attard tathomlu. Qal li r-relazzjoni damet madwar tlett snin u nofs u ma kienux jiltaqghu regolari.

L-imputat ghazel li jixhed u spjega kif iltaqa' ma' Tanya Attard fuq dating site u sostna li mill-ewwel darba li ltaqa' maghha qalilha li huwa ma kienx jismu Keith Bonello izda Christian Demanuele u hija qaltlu li hija ma kienx jisimha Curly izda Tanya. Ighid li Tanya Attard kienet taf mill-bidunett min kien u bejniethom qatt ma kien hemm xejn intimu ghax huwa kien mizzewweg izda ltaqghu diversi drabi bhala hbieb biss. Imbaghad darba minnhom ratu mdejjaq u qalilha li kellu problema ta' flus u hija offrietlu minn jeddha li tghinu. Huwa qatt ma talabha flus u huwa mill-ewwel qalilha li ma jafx jekk ikunx jista' jaghtihomlha lura. Xehed ukoll li darba kien mar ghaliha huwa ghax kellha l-karozza bil-hsara u bdiet tqalleb u giet f'idejha licenzja tas-sewqan tieghu, cioe' ta' Christian Demanuele, u qaltlu kemm kien gie ikrah fir-ritratt. Meta bdew dawn il-proceduri l-avukat tal-imputat ta' dak iz-zmien ipprova jaghmel kuntatt ma' Tania biex jaslu f'arrangament ta' pagamenti. Mistoqsi dwar l-ammont huwa qal li l-ammont indikat fl-EAW huwa minfuh. Qal li kellu notamenti izda gidu m'ghadhux ghandu. Meta l-avukat tieghu ikkuntattja lil Tanya hija qaltlu li ma kienitx interessata u ghall-imputat din fissret li hija ma rieditx il-flus izda ippruvat tixtri l-imhabba bil-flus. Qal li ghadu jirrispettaha izda fil-konfront taghha kienet kwistjoni ta' self u mhux frodi.

Illi l-Qorti abbazi tal-provi kollha mressqa tqis li din l-imputazzjoni ampjament giet ippruvata sal-grad rikjest mil-Ligi u dan ghar-ragunijiet li se jsegwu:

- Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' l-kontro-ezami ta' Tanya Attard[55] u lill-imputat jixhed. Kellha ghalhekk anki l-opportunita' li tezamina l-komportament fuq il-pedana tax-xhieda. Minghajr ebda dubju l-Qorti tistqarr li temmen lil Tanya Attard kemm ghaliex kienet dejjem konsistenti kif ukoll ghaliex minn provi ohra x-xhieda taghha giet ukoll korroborata.

- Mill-banda l-ohra kien evidenti li l-imputat filwaqt li jaqbel li Tanya Attard kienu tatu l-flus, jipprova jpingi stampa totalment differenti. Biss pero' l-Qorti tirriskontra diskrepanzi dwar dak li xehed u silenzju assordanti dwar affermazzjonijiet li saru minn Tanya Attard li allura, dan maghdud ma' provi ohra, jkompli jikkonferma li l-versjoni moghtija mill-imputat m'ghandhix mill-veru.

- Il-Qorti ma temminx lill-imputat meta jixhed li bejnu u bejn Tanya Attard kien hemm biss hbiberija platonika u li huwa mill-ewwel qalilha min kien u li allura Keith Bonello kienet identita' fittizja. F'dan l-istadju ma jistax ma jigix rilevat li Tanya Attard ressqet ir-rapport fil-konfront tal-imputat snin wara ossija f'Settembru 2013 meta l-imputat kien ilu jghix gewwa r-Repubblika Ceka. Hija ressqet ir-rapport wara li giet mghajta mill-ispettur Rennie Stivala u ndunat li l-persuna li minghaliha kellha relazzjoni mieghu kien persuna totalment differenti. Ma kienitx xi att ta' rivalsa kif allegat ghax riedet tixtri l-imhabba bi flus izda ghaliex kienet indunat li kienet giet raggirata. Anki meta xehdet ma wrietx rabja jew sens ta' vendikazzjoni fil-konfront tal-imputat izda xehdet biss dwar il-fatti. Huwa altru milli evidenti li bejn l-imputat u Tanya Attard kien hemm ferm aktar minn hbiberija u dan mhux biss ghaliex sostniet hekk hija, izda anki l-imputat fl-istqarrija tieghu ammetta li kien hemm relazzjoni bejniethom u biddel il-versjoni biss meta tela' jixhed. Izda anki li kieku l-imputat m'ammettix kollox jippunta lejn dan. Huma ltaqghu fuq dating site. Xi skop hemm li tiltaqa' ma' persuna fuq dating site? It-twegiba hija ovvja ossija li jkollok relazzjoni mal-persuna l-ohra li tmur oltre' l-hbiberija. Inoltre anki l-ammont ta' flus li l-imputat inghata mill-parte civile huwa indikattiv ta' relazzjoni ta' certu intimita' jew qrubija mal-persuna l-ohra. Huwa indikattiv ta' persuna li zgur kienet thobb u tafda tant li ebda skrittura qatt ma kien hemm bejn il-partijiet.

[55] Dan ghaliex precedentement il-kaz kien diversament presedut

- Tanya Attard xehdet li s-somma tal-flus li tat lill-imputat tatilu fi drabi differenti u b'mod differenti. Meta xehdet spjegat li kien hemm drabi fejn tatu flus kontanti, drabi ohra ttrasferitlu fuq il-visa jew permezz ta' Western Union. Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li Tanya Attard minn zewg kontijiet taghha ghaddiet fuq il-visa tal-imputat is-somma ta' €11,400. Fid-dikjarazzjoni taghha hija ssemmi wkoll li ghaddietlu €5,000 permezz ta' bank transfer fit-13 ta' Novembru 2010 ukoll fuq il-visa tieghu. Ma ngabitx prova pero' li hija kellha statement iehor u dan billi mill-ezami tal-atti jirrizulta li fit-13 ta' Novembru 2010 kien hemm trasferiment ta' tali somma fuq il-kont tal-visa tal-imputat izda ma jistax jinghad b'certezza li t-trasferiment sar minnha. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti ezebiti mir-rapprezentant tal-Wetern Union li fuq medda ta' sena, Tanya Attard baghtet l-ammont ta' €5,549.50 waqt li kien qieghed Praga. Il-bqija tathomlu flus kontanti. Fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li l-ammont huwa minfuh izda fl-istqarrija huwa accetta li kienet tatu l-ammont ta' €48,100 u qal li kien se jipprova jroddhomlha fix-xahar u apparti li accetta l-ammont fl-istqarrija ma sarulha l-ebda mistoqsijiet in kontro-ezami biex b'xi mod jitpogga in dubju l-ammont reklamat.

- L-imputat isostni li huwa ma ghandux jinstab hati ta' din l-imputazzjoni billi ghalkemm huwa minnu li Tanya Attard tatu l-flus dan sar b'self u tathomlu minn jeddha ghax riedet tghinu. Tali sottomissjoni ma tistax tintlaqa' u dan ghaliex ma jistghux jigu injorati c-cirkostanzi u l-azzjonijiet min-naha tal-imputat li wasslu lil Tanya Attard biex tasal toffri l-ghajnuna taghha u taghtih il-flus. L-imputat ipprezenta ruhu ma' Tanya Attard bhala Keith Bonello. Baqa' jidentifika ruhu bhala tali matul ir-relazzjoni kollha. Qalilha li kien single. Filwaqt li jirrizulta li kellu diga' problemi matrimonjali pero' ma kienx ghadu sseparat legalment minn ma' martu. Qalilha li kien jahdem f'kumpanija Pentapharm u li biex jinhall mill-kuntratt ta' xoghol kellu bzonn dak iz-zmien ghaxart elef lira Maltin li hija tatu. Meta mistoqsi dwar din il-kumpanija fl-istqarrija tieghu qal li ma kienx jaf biha! Qalilha li Christian Demanuele kien l-akbar habib tieghu u biex titrasferixxi l-flus fuq il-visa tal-habib tieghu ghaliex kien jafdah u b'hekk ghamel cert li l-flus waslu ghandu wkoll. Qalilha li kien marid u li kellu jaghmel xi operazzjonijiet izda huwa sinifikanti kif waqt ix-xhieda tieghu l-imputat ma semmiex il-mard tieghu u xehed biss dwaru b'mod evasiv meta gie mistoqsi in kontro-ezami. Ma gew prezentati ebda dokumenti sabiex fuq il-livell tal-probabbli jigi sostanzjat li verament kellu problema ta' sahha li kienu jirrikjedu

somom ingenti. L-imputat qal li l-oggetti personali tieghu kienu mizmuma f'garaxx u huwa tilef kollox, izda dokumenti minghand tobba u jew sptar xorta wahda jistghu jigu rintraccjati mod iehor. Dak li rrizulta ghalhekk huwa li Tanya Attard fdat lill-imputat u huwa ha vantagg minn fuqha u mis-sentimenti taghha biex taghtih il-flus. Verament hija offriet li ssellifflu l-flus imma dan ghaliex kollox u dak kollu li qalilha l-imputat dwaru u fuqu kienu gideb. Ghalhekk huwa evidenti li kien hemm raggiri min-naha tal-imputat fil-konfront taghha li wasslu ghal telf patrimonjali. Is-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti kieku hija kienet taf l-identita' tieghu, kellu verament id-diffikultajiet u hija offriet li tghinhu izda kif gara hija giet indotta biex tithassru meta xejn ma kien veritier.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

L-imputat fis-seduta tal-4 ta' April 2014 b'referenza ghall-EAW iddikjara li fost l-akkuzi li ntbgahtu lill-Qrati tar-Repubblika Ceka kien hemm taht l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9, izda fl-akkuzi odjerni dawn l-akkuzi qed jaghmlu referenza ghad-data tal-2009, xi haga li ma saret l-ebda referenza ghar-reati tal-2009 meta ntbghat l-EAW lill-Qrati tar-Repubblika Ceka. Ghaldaqstant l-imputat sostna li huwa m'ghandux iwiegeb ghal tali akkuza stante ghall-fatt li l-EAW ma ghamel l-ebda referenza ghal din id-data partikolari u cioe' 2009.

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghal decizjoni sussegwenti tal- Qorti Municipali ta' Praga tal-4 ta' Marzu 2015. Minn qari ta' tali decizjoni jirrizulta li

*The Municipal Court in Prague, based on the resolution dated September 24, 2014, file number 2047/2014-43, have decided on that, under S 216/1a and S 205/1 of the Act No. 104/2013 Coll. On International Judicial Cooperation in Criminal Matters, they express consent with the request of the Attorney General's Office in Malta to extend the extradition of Christian Demanuele to Malta for the purpose of prosecution for the crime of forging of public documents pursuant to S 183, Chapter 9, of the Penal Code of the Maltese law,*

*omissis*

*The Municipal Court in Prague in the aforementioned circumstances found, consistently with the request of the Attorney's General in Malta, a reason for requesting the extension of extardition, although it concerns still the same offence, which differs from the previous description of the European Arrest Warrant in the fact that the time of its alleged commission differs considerably.*

L-imputat ressaq ilment fil-konfront ta' tali decizjoni izda bis-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015 tali ilment gie michud.

Ghalhdaqstant l-imputat se jigi wkoll ggudikat fuq tali imputazzjoni. Dan qed jinghad aktar ai fini ta' kompletezza u dan billi inqraw l-artikoli u l-istess imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u inoltre jirrizulta li l-imputat ressaq il-provi u l-argumenti tieghu dwar tali imputazzjoni minghajr ebda rizerva.

Illi din l-imputazzjoni torigina mill-kwerela li ressqet Denise Camilleri, mart l-imputat, fis-7 ta' Mejju 2013 fejn kienet allegat li hija kienet saret taf li kien hemm garanzija bankarja mahruga mill-Bank of Valletta li kienet giet allegatament iffirmata minnha u ghalhekk kienet qed taghmel tajjeb ghall-ammont ta' €10,000. Hija cahdet kategorikament li kienet iffirmat din il-garanzija bankarja hija u ghalhekk allegat li kienet giet falsifikata l-firma taghha.

Jirrizulta mill-provi li l-imputat inghata f'idejh il-garanzija bankarja mill-ufficcjal tal-Bank biex din tigi ffirmata minnu u minn martu quddiem Nutar ta' Fiducja taghhom u tigi ritornata lill-Bank hekk iffirmata. Jirrizulta li l-imputat mar ghand in-Nutar Frans Micallef wahdu minghajr il-mara. In-Nutar jixhed li jiftakar dan bi precizjoni u jidhirlu li l-imputat qallu li kien hemm it-tfal ma jifilhux u ghalhekk martu ma kinitx marret mieghu.

Illi mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-imputat u Denise Camilleri kienu mizzewgin u ghandhom zewgt itfal. Huma kellhom kumpanija jisimha CS Motorsports Ltd li kienet topera hanut. Jirrizulta li bejn il-koppja bdew jinqalghu problemi matrimonjali li wasslu eventwalment ghas-separazzjoni matrimonjali li giet konkluza b'mod bonarju proprju fil-mori ta' dawn il-proceduri. Illi jirrizulta wkoll li kien hemm overdraft loan fuq dan in-negozju li Denise Camilleri tikkonferma li kienet a konoxxenza tieghu. Illi kemm l-imputat kif ukoll Denise Camilleri, almenu minn dak li qalilha l-imputat, jixhdu li f'xi punt kien hemm problema aktar mis-soltu ta' likwidita'. Il-versjoni li nghatat minn Denise

Camilleri hija li l-imputat qalilha li kien hallas ghal vann ghall-klijent minn flus il-kumpanija izda imbaghad il-klijent biddel fehmtu. Waqt ix-xhieda tieghu l-imputat kompla ma' dan u qal li sahansitra kien anki gie mhedded minn persuna Maltija ghax ried flusu luru tal-vann izda huwa m'ghamel l-ebda rapport. Ftit ghandha importanza tali storja ghaliex il-kwistjoni hija l-firma fuq il-garanzija bankarja.

Denise Camilleri tichad b'mod kategoriku li l-firma fuq Dok RA 1 ossija l-garanzija bankarja ghamlitha hija. Tixhed li hija giet a konoxxenza ta' tali garanzija bankarja billi rceviet ittra minghand il-Bank li kienet intrabtet b'tali garanzija ghaf-favur tal-kumpanija ghall-ammont ta' €10,000. Meta hija affaccjat lil zewgha b'dan tixhed li huwa ammetta maghha li l-firma kien ghamilha huwa u li kien ghamel dan ghaliex ma riedx ighidilha biex hija ma tinkwetax. Huwa kien qalilha li kien se jbiegh il-vann u li kien se jaqta' l-€10,000 u ghalhekk hija f'dak il-mument ma marritx tirrapportah ghaliex kienet tkun sodisfatta li kieku huwa hallas id-dejn. Hija tkompli pero' li d-dejn baqa' ma thallasx u ddecidiet li tmexxi bil-kwerela meta fil-fatt il-Bank beda jigri warajha u l-imputat kien anki mar ighix barra minn Malta. Hija tixhed li minhabba l-overdraft u minhabba l-ammont ta' din il-garanzija bankarja kienet kostretta tohrog mid-dar biex din tinbiegh.

L-imputat min-naha tieghu kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, li saret referenza ghaliha kemm waqt ix-xhieda tieghu, kif ukoll fin-nota ta' osservazzjoni tieghu jinsisti li ma kienx huwa li ffirma fuq il-formola izda martu effettivament iffirmata fuq koxxitha billi kellha t-tifla zghira taghha fuqha. Huwa kkonceda li martu ma kinitx favur tali garanzija bankarja izda baqa' jsostni li kienet hija li ffirmat.

Illi l-Qorti pero' m'ghandhix biss il-versjonijiet tal-imputat u tal-parte civile fuq xhiex tibbaza d-decizjoni taghha. Infatti gie nominat espert kalligrafiku li wara li ha kampjuni tal-firem tal-individwi kollha li ffirmaw fuq il-garanzija bankarja huwa kkonkluda s-segwenti:

*Illi wara li saru l-ezamijiet kaligrafici rikjesti bejn il-firem allegatament ta' Christian u Denise Demanuele li jidhru miktubin f'pagna tlieta (3) tad-dokument RA 1 (garanzija tal-Bank of Valletta) datata 28 ta' Lulju 2009, firem allegatament ta' Christian u Denise Demanuele, in-Nutar Francis Micallef, Herbert Catania (Branch Manager BOV) u Anna Maria Rossi (xhud tal-firma BOV), li jidhru miktubin fl-ahhar pagna (8) tad-dokument RA 1 (garanzija tal-Bank of Valletta), u l-kampjuni tal-firma awtentika tal-istess persuni, l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

1. *Illi l-firem allegatament ta' Christian Demanuele li jidhru miktubin f'pagna tlieta (3) u fl-ahhar pagna (8) tad-dokument RA 1 gew ikkomparati pozittivament u ghalhekk huma identici mal-kampjuni tal-firma tal-istess Christian Demanuele, detentur tal-karta tal-identita' numru 066176(M).*

2. *Illi l-firem allegatament ta' Denise Deamnuele li jidhru miktubin f'pagna tlieta (3) u fl-ahhar pagna (8) tad-dokument RA 1 ma jaqblux mal-punti karatteristici li jinsabu fil-kors tal-kitba tal-firma awtentika tal-istess Denise Demanuele, detentrici ta-karta tal-identita numru 014433(A).*

3. *Illi l-firma allegatament tan-Nutar Francis Micallef li tidher miktuba fl-ahhar pagna (8) tad-dokument RA 1 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-kampjuni tal-firma tal-istess Nutar Francis Micallef, detentur tal-karta tal-identita' numru 663233(M).*

4. *Illi l-firma allegatament ta' Herbert Catania li tidher miktuba fl-ahhar pagna (8) tad-dokument RA 1 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-kampjuni tal-firma tal-istess Herbert Catania, detentur tal-karta tal-identita' numru 323761(M).*

5. *Illi l-firma allegatament ta' Anna Maria Rossi li tidher miktuba fl-ahhar pagna (8) tad-dokument RA 1 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-kampjuni tal-firma tal-istess Anna Maria Rossi, detentrici tal-karta tal-identita' numru 410477(M).*

Illi d-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet attakkat lil Denise Camilleri fuq diversi fronti – kwistjoni ta' kredibilita, tghid li dan kollu sar b'sens ta' vendikazzjoni minhabba l-passat taghha mal-imputat u li hija nqabdet tigdeb. Din il-Qorti ma rravizzat ebda wahda minn dawn l-allegazzjonijiet. Denise Camilleri kienet konsistenti fix-xhieda taghha u l-Qorti dan setghet tikkonstatah meta semghetha fuq il-pedana tax-xhud. Il-fatt li hija rrappurtat lill-imputat erba' snin wara li effettivament huwa ffalsifika l-firma taghha ma jnehhi xejn mir-reat li kkommetta l-istess imputat. Ir-reat kien ikkunsmat meta twettaq irrispettivament mill-fatt jekk sarx rapport mill-ewwel lill-pulizija o meno.

Illi l-imputat nonostante r-rapport tal-espert kalligrafu baqa' jinsisti li martu ffirmat fuq il-koxxa u kien ghalhekk li rrizultat il-varjazzjoni fil-mod tal-firma taghha. L-espert Joseph Mallia gie mistoqsi jekk il-firma

tvarjax anki mill-istess persuna u wiegeb fl-affermattiv. L-espert spjega li ghalkemm sab li hemm karatteristici li huma kompatibbli mal-kitba ta' Denise Camilleri izda sab li hemm karrateristici fl-ewwel ittra D li huma kemmxejn differenti minn xulxin. Lilu hadd ma qallu li Denise Camilleru setghet iffirmat fuq kuxtejha, izda huwa spjega li meta wiehed jiffirma fuq kux1qztejh jistghu jkunu daqsxejn imredin. Huwa kompla li meta ezamina l-kaligrafija ta' Denise Demanuele, il-mod ta' kif hija tikteb huwa mod mexxej u legger, kif ukoll hemm il-konsonanti tal-kunjom jinghaqdu ma' xulxin meta l-firma li tidher fuq il-garanzija bankarja jidher li hemm spazji bejn wahda w ohra. Il-formazzjoni tad-D inizjali mhiex konvincenti u jekk wiehed jara l-ahhar firma fuq l-ahhar pagna hemm waqfien fuq l-ittra 'e' u dan jirrizulta mil-linka eccessiva li harget mill-istrument waqt il-kitba ghaliex kien hemm waqfien. Meta xi hadd jiffirma fuq koxxtu jista' jkun li jkun hemm varjazzjonijiet zghar fil-firma originali izda l-karatteristici ossija l-mod kif ittra taghqad ma' ohra, il-flow kif ukoll l-angolu jibqa' pjuttost l-istess. Huwa tenna li bejn l-allegati firem ta' Denise Demanuele u l-kampjuni li tatu fl-Awla hemm diskrepanzi kbar.

Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi tali imputazzjoni. Illi fil-fehma tal-Qorti ma hemm l-ebda raguni u ma tressqet l-ebda motivazzjoni ghalfejn ghandha tiskarta fl-ewwel lok ir-relazzjoni u l-konkluzzjoni raggunta mill-espert Joseph Mallia ossija li l-firma li tidher li saret minn Denise Demanuele dak iz-zmien effettivament ma saritx minnha. Imbaghad mill-provi l-Qorti hija konvinta moralment li l-versjoni moghtija minn Denise Camilleri hija dik veritiera. Denise Camilleri ma ratx lill-imputat jiffirma l-garanzija bankarja quddiemha izda hija tixhed li huwa ammetta maghha li kien ghamel hekk biex ma jinkwetahix. Apparti dan il-garanzija bankarja nghatat f'idejh mill-ufficjal tal-Bank u kien hu li mar biha ghand in-Nutar Micallef u sahansitra ma qalx il-verita' lill-istess Nutar u qallu li martu ma marritx mieghu ghaliex kien hemm it-tfal ma jifilhux meta dan assolutament ma kienx minnu ghaliex martu ma marritx ghaliex ma kinitx taf! Il-provi kollha jippuntaw lejn l-imputat u li kien huwa li ffirma l-istess garanzija bankarja minflok martu ghaliex kien jaf li martu ma kinitx se tkun favur li tigi ffirmata ghaliex diga' kellhom overdraft facility fuq il-kumpanija taghhom.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>**

Illi din l-imputazzjoni tirrizulta wkoll ippruvata u dan tenut kont tal-fatt li kien l-imputat li faflsifika l-firma ta' Denise Camilleri dak iz-zmien Demanuele u kien huwa li mar bid-dokument ossija l-garanzija bankarja

ghand l-ufficjal tal-Bank of Valletta plc sabiex johrog is-self ghall-kumpanija li dak iz-zmien kellu ma' martu.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li hlief ghal reat rigwardanti sewqan hija wahda netta, ic-cirkostanzi tal-kaz partikolarment il-fatt ukoll li l-imputat ghadu ma radd xejn lil Tanya Attard u lanqas wera xi rimors tat-tbatija li kkawza liz-zewg parte civile. Il-Qorti tqis li s-serjeta' tal-akkuzi jimmeritaw li l-imputat jigi kkundannat ghal sentenza ta' prigunerija effettiva u maghdud ma' dan se jkun hemm ordni biex huwa jhallas lil Tanya Attard lura. Irid jigi pprecizat ukoll li l-imputat se jinghata l-piena li kienet applikabbli fiz-zmien tat-twettiq tar-reati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tlett snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Inoltre b'applikazzjoni tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas lil Tanya Attard l-ammont ta' €48,100 fi zmien tlett snin.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €829.45 rapprezentanti l-hlas tal-espert nominat.

Inkwantu ghall-ordni ta' ffrizar li kien gie impost din il-Qorti tirrileva li r-rapport baqa' qatt ma gie pprezentat fl-atti u ghaldaqstant mhiex f'posizzjoni li tiehu xi provvedimenti.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**